# STATUT

# PARTIT POPOLARI

# Werrej

Isem u Emblema ... 3
Prinċipji Bażiċi ... 3
Membri ... 3
Struttura ... 3
Assemblea Ġenerali ... 4
Kunsill ... 5
Kumitat ta' Tmexxija ... 6
Bord tad-Dixxiplina ... 6
Strutturi Amministrattivi u Operattivi Interni ... 7
Fergħat ... 7
Responsabbiltajiet u Dmirijiet tal-Uffiċjali ... 7
Dixxiplina ... 9
Rappreżentanza ... 10
Kontijiet Awditjati ... 10
Xoljiment ... 11
Statut ... 11
ANNESS I - Emblema ... 12
ANNESS II - Il-Pilastri tal-Partit Popolari ... 13
ANNESS III - Kodiċi tal-Etika ... 16

# Isem u Emblema

## Artikolu 1.

1. L-isem uffiċjali tal-Partit huwa « Partit Popolari », u bil-lingwa Ingliża « People's Party ». Il-forma mqassra tal-isem hija « PP ».

2. L-emblema tal-Partit hija dik murija fl-Anness I ta' dan l-istatut.

3. Il-kulur uffiċjali tal-Partit huwa #142896.

# Prinċipji Bażiċi

## Artikolu 2.

1. Il-prinċipji bażiċi tal-Partit huma dawk miġbura fid-dokument imsejjaħ « Il-Pilastri tal-Partit Popolari », mehmuż fl-Anness II ta' dan l-istatut.

# Membri

## Artikolu 3.

1. Jistgħu jissieħbu fil-Partit dawk il-persuni kollha li jkunu għalqu s-sittax-il sena (16), li jiddikjaraw bil-miktub li jaqblu mal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-istatut u li l-applikazzjoni ta' sħubija tagħhom tkun ġiet approvata mill-Kunsill. Il-Partit mhuwiex meħtieġ li jagħti raġuni għal xi rifjut ta' xi applikazzjoni għal sħubija.

2. Is-sħubija fil-Partit hija valida għal sena u tiġi mġedda biss għal dawk il-membri li jkunu ħallsu t-tariffa annwali tas-sħubija.

3. Kull membru tal-Partit li jkun irid jirreżenja minn membru għandu jagħmel dan permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarju Ġenerali. Din ir-riżenja jkollha effett mill-mument li tkun waslet għand is-Segretarju Ġenerali.

4. Persuna ma tibqax iżjed kunsidrata membru tal-Partit wara deċiżjoni ta' tkeċċija mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Partit minħabba ksur tal-Kodiċi tal-Etika tal-Partit, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 ta' dan l-istatut.

5. Ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn il-membri fuq bażi ta' xi karatteristika protetta, u kull kariga għandha tkun miftuħa għall-membri kollha mingħajr distinzjoni skont xi karatteristika protetta. Kull sejħa għal applikazzjonijiet jew kandidaturi għandha tiddikjara li l-membri kollha li jikkwalifikaw skont it-termini tal-istatut huma inkoraġġiti li japplikaw, mingħajr ebda distinzjoni skont karatteristiċi protetti. Il-Partit għandu jimpenja ruħu wkoll li jieħu passi biex jinkoraġġixxi rappreżentanza xierqa fost l-uffiċjali tiegħu tad-diversità preżenti fost il-membri tiegħu.

# Struttura

Artikolu 4.
1. L-Istruttura tal-Partit hija magħmula kif ġej:
a) L-Assemblea Ġenerali
b) Il-Kunsill
ċ) Il-Kumitat ta’ Tmexxija
d) Il-Bord tad-Dixxiplina
f) L-istrutturi amministrattivi u operattivi interni mwaqqfa mill-Kumitat ta’ Tmexxija
g) Dawk il-fergħat jew għaqdiet affiljati li jkollhom l-istatut tagħhom approvat mill-Kunsill
h) Il-membri kollha tal-Partit.

## Assemblea Ġenerali

Artikolu 5.
1. L-Assemblea Ġenerali tal-Partit hija l-organu inkarigat li jagħmel kwalunkwe bidla għal dan l-istatut, u li jeliġġi l-Kap tal-Partit, il-Viċi Kap tal-Partit, il-President tal-Assemblea Ġenerali u għaxar membri ordinarji tal-Kunsill tal-Partit. Huwa jista’ wkoll ineħħi mill-kariga lill-Kap tal-Partit, lill-Viċi Kap tal-Partit u lill-President tal-Assemblea Ġenerali bil-proċedura stipulata f’dan l-istatut.

2. L-Assemblea Ġenerali tikkonsisti f’mhux aktar minn mitejn u ħamsin membru tal-Partit li jkunu regolari fil-ħlas ta' sħubija u li jkunu ilhom membri tal-Partit tal-anqas għas-sena ta' qabel titlaqqa’ l-Assemblea Ġenerali. Il-membri tal-Assemblea Ġenerali tal-Partit jissejħu « Eletturi ». Huma biss il-membri tal-Partit li huma ċittadini Maltin li jistgħu jsiru Eletturi tal-Partit.

3. F’każ li n-numru ta’ membri tal-Partit eliġibbli għall-kariga ta’ Eletturi jaqbeż il-250, l-Assemblea għandha tikkonsisti fil-250 membru li jkunu ilhom l-aktar membri tal-Partit. Snin li fihom il-membru tal-Partit ikun irreġistrat bħala voluntier tal-Partit jgħoddu d-doppju, u snin li fihom il-membru tal-Partit ikun kandidat f’elezzjonijiet ġenerali, lokali jew Ewropej f’isem il-Partit jgħoddu bħala tliet snin għall-fini ta’ dan is-subartikolu. Snin li fihom il-membru tal-Partit ikun kemm voluntier tal-Partit kif ukoll kandidat f’elezzjoni ġenerali, lokali jew Ewropea jgħoddu bħala erba’ snin għall-fini ta’ dan is-subartikolu. Għall-fini ta’ dan is-subartikolu, il-membri tal-Kumitat ta’ Tmexxija, il-membri tal-Kunsill u persuni li jokkupaw karigi eletti fil-fergħat tal-Partit għandhom ukoll jitqiesu bħala voluntiera tal-Partit. F’każ li membri tal-Partit ikollhom l-istess numru ta’ snin ta anzjanità bħala membri, dawn il-membri jiġu kklassifikati skont l-età tagħhom, fejn dawk li jkunu akbar fl-età jingħataw preċedenza għall-fini ta’ dan is-subartikolu.

4. L-Assemblea Ġenerali titlaqqa’ b’mod ordinarju tal-anqas darba kull ħames snin fi żmien tliet xhur mill-għeluq ta’ ħames snin mill-aħħar laqgħa tagħha. Il-President tal-Assemblea jista’ jagħżel li jlaqqa’ l-Assemblea Ġenerali b’mod straordinarju biss jekk ikun mitlub li jagħmel dan jew mill-Kap tal-Partit jew mill-Kunsill, b’maġġoranza assoluta tal-membri kollha tiegħu, u fi żmien tliet xhur minn meta ssirlu din it-talba. Il-President tal-Assemblea Ġenerali huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa tal-Assemblea Ġenerali fi żmien tliet xhur jekk jirċievi talba mill-Kunsill approvata b’maġġoranza li tinkludi l-vot tal-Kap tal-Partit u ta’ maġġoranza tal-membri kollha tal-Kumitat ta’ Tmexxija.

5. Meta jirċievi t-talba tal-President tal-Assemblea Ġenerali biex jagħmel dan, ikun l-obbligu tas-Segretarju Ġenerali li javża lill-membri bid-data, ħin u post tal laqgħa tal-Assemblea Ġenerali. L-avviż irid jingħata mhux inqas minn xahar qabel id-data tal-laqgħa. Avviż jista' jingħata permezz ta' e-mail sakemm jintbagħat fuq l-indirizz li l-membru jkun għarraf bih lill-Partit minn żmien għal żmien.

6. Il-President tal-Assemblea Ġenerali jistabbilixxi l-aġenda tal-laqgħa u din għandha tintbagħat mis-Segretarju Ġenerali lill-membri kollha tal-Assemblea Ġenerali sa mhux inqas minn ġimgħa qabel id-data tal-laqgħa.

7. Laqgħat tal-Assemblea Ġenerali jistgħu jsiru mingħajr preżenza fiżika, fuq proposta tal-President tal-Assemblea Ġenerali u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

8. L-Assemblea Ġenerali tista' tistabbilixxi regoli tal-proċedura għall-funzjonament tagħha b'vot ta' nofs l-Eletturi preżenti u wieħed iżda dawn għandhom ikunu konsistenti ma' dan l-istatut.

## Kunsill

### Artikolu 6.

1. Il-Kunsill għandu l-funzjoni li jeliġġi lis-Segretarju Ġenerali, lill-Viċi Segretarju Ġenerali u lit-Teżorier tal-Partit, li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' sħubija fil-Partit u ta' dixxiplina skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut, li jitlob il-konvokazzjoni tal-Assemblea Ġenerali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut, li japprova l-kandidati tal-Partit, li japprova d-dokumenti ta' politika u l-programmi elettorali tal-Partit ippreżentati lilu mill-Kumitat ta' Tmexxija u li japprova l-budgets, il-kontijiet u l-programmi ta' ħidma, kif ukoll l-għażla tal-awdituri ppreżentati lilu mill-Kumitat ta' Tmexxija, u li japprova t-twaqqif ta' fergħat tal-Partit, l-istatuti tagħhom u l-bidliet għal tali statuti.

2. Il-Kunsill tal-Partit hu magħmul minn għaxar membri eletti mill-Assemblea Ġenerali minn fost il-membri ta' din tal-aħħar. Huma wkoll membri tiegħu, fuq bażi *ex officio*, il-Kap tal-Partit, il-Viċi Kap tal-Partit, il-President tal-Assemblea Ġenerali, is-Segretarju Ġenerali, il-Viċi Segretarju Ġenerali u t-Teżorier, jekk dawn ma jkunux ġew eletti bħala membri tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill *ex officio* ma jibqgħux membri tal-Kunsill fil-mument li ma jibqgħux fil-kariga tagħhom. Il-membri tal-Kunsill *ex officio* jgawdu d-drittijiet kollha ta' membri tal-Kunsill, inkluż dak tal-vot.

3. Il-membri tal-Kunsill jiġu eletti mill-Assemblea Ġenerali skont il-metodu tal-« vot wieħed li jgħaddi minn kandidat għal ieħor » deskritt fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta). Għall-fini ta' dan is-subartikolu, il-kandidati jistgħu jidhru fuq il-karta tal-vot biss bħala kandidati individwali u mhux bħala membri ta' xi lista jew raggruppament elettorali u, għall-fini ta' dan is-subartikolu, ma jitqies l-ebda vot totali ta' xi lista jew raggruppament elettorali li jistgħu jkunu ppreżentaw ruħhom bħala tali lill-Eletturi.

4. Membri tal-Kunsill li jonqsu milli jattendu tliet laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill, jew ma jattendux għal-laqgħat li jissejħu tal-Kunsill għal perjodu ta' tliet xhur, skont liema perjodu jkun l-itwal, mingħajr raġuni valida, jiddekadu mis-sħubija tagħhom fil-Kunsill b'mod awtomatiku u l-post tagħhom fil-Kunsill jitqies bħala vakanti.

5. Kull post vakanti fil-Kunsill għandu jimtela' għall-bqija tat-terminu ta' ħames snin permezz ta' elezzjoni każwali, skont ir-regoli stabbiliti fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta). F'każ ta' postijiet vakanti li qabel kienu okkupati minn persuni eletti b'elezzjoni każwali, dawn jimtlew billi l-Kunsill jikkooptja membri ġodda għall-bqija tat-terminu ta' ħames snin.

6. Il-Kunsill għandu jitlaqqa' mill-Kap tal-Partit tal-anqas darba kull tliet xhur.

7. Il-Kunsill huwa ppresjedut mill-Kap tal-Partit. Kull membru tal-Kunsill jista' jressaq mozzjoni għal vot mill-Kunsill li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Kunsill skont is-subartikolu 1 ta' dan l-Artikolu. Mozzjoni titqies approvata jekk jivvutaw favur tagħha l-Kap tal-Partit, nofs il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija, u nofs il-membri kollha tal-Kunsill u wieħed.

8. Il-Kunsill jista' jistabbilixxi regoli tal-proċedura għall-funzjonament tiegħu b'vot ta' nofs il-membri preżenti u wieħed iżda dawn għandhom ikunu konsistenti ma' dan l-istatut.

9. Il-Kunsill itemm il-mandat tiegħu wara ħames snin mill-elezzjoni tiegħu mill-Assemblea Ġenerali, jew wara elezzjoni ġenerali jekk din tiġi qabel. Il-membri tiegħu jibqgħu fil-ħatra sa dakinhar li jkunu eletti l-membri tal-Kunsill il-ġdid mill-Assemblea Ġenerali.

## Kumitat ta' Tmexxija

### Artikolu 7.

1. Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-Partit. Huwa għandu s-setgħa esklussiva li jaħtar u jawtorizza persuni biex iwettqu ħidma f'isem il-Partit, minbarra dawk il-karigi magħżula skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-istatut. Huwa jista' jiddelega din is-setgħa lill-koordinaturi ta' fergħat tal-Partit, kif ukoll lill-koordinaturi ta' entitatijiet maħluqa mill-Kumitat ta' Tmexxija biex jgħinuh fil-ħidma tiegħu.

2. Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa l-uniku organu tal-Partit li jista' jaħtar kelliema politiċi tal-Partit, u jistabbilixxi r-regoli li dawn ikunu obbligati li jsegwu meta jagħmlu stqarrijiet politiċi f'isem il-Partit.

3. Il-Kumitat ta' Tmexxija jikkonsisti fil-Kap tal-Partit, il-Viċi Kap tal-Partit, il-President tal-Assemblea Ġenerali, is-Segretarju Ġenerali, il-Viċi Segretarju Ġenerali u t-Teżorier tal-Partit. Fuq stedina tal-Kumitat, jistgħu jitħallew jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat persuni oħra li ma jkunux membri tal-Kumitat, iżda mingħajr id-dritt tal-vot.

4. Deċiżjonijiet fil-Kumitat ta' Tmexxija jittieħdu permezz ta' maġġoranza assoluta tal-membri tal-Kumitat, li trid tinkludi l-vot tal-Kap tal-Partit.

5. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jitlaqqa' mill-Kap tal-Partit tal-anqas darba kull xahar.

## Bord tad-Dixxiplina

### Artikolu 8.

1. Il-Bord tad-Dixxiplina jikkonsisti fl-erba' membri tal-Partit li jkollhom l-akbar anzjanità fil-Partit, skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 5, subartikolu 3 ta' dan l-istatut, li ma jkunux jokkupaw karigi oħra fil-Partit u li jaċċettaw li jservu f'din il-funzjoni. Il-President tal-Bord tad-Dixxiplina għandu jkun il-membru tal-Bord li jkollu l-akbar anzjanità fil-Partit u li jaċċetta li jservi f'din il-kariga.

2. Il-Bord tad-Dixxiplina jista' biss jiddelibera dwar każijiet riferuti lilu mill-Kunsill tal-Partit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 ta' dan l-istatut. Il-Bord jista' jimponi pieni biss b'vot ta' mill-

anqas tlieta mill-membri tal-Bord. Il-pieni jistgħu jikkonsistu f'perjodi ta' sospensjoni tas-sħubija fil-Partit u fi tkeċċija mill-Partit.

## Strutturi Amministrattivi u Operattivi Interni

Artikolu 9.
1. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistabbilixxi u jibdel kwalunkwe struttura amministrattiva u operattiva interna biex tgħinu fil-ġestjoni tal-Partit u biex twettaq il-ħidma regolari tal-Partit u jappunta lil kwalunkwe persuna biex tmexxi jew twettaq ħidma fl-imsemmija struttura. It-terminu ta' dawn il-karigi jintemm meta jintemm it-terminu tal-kariga tal-Kumitat ta' Tmexxija, jew meta l-persuna kkonċernata titneħħa mill-kariga tagħha b'deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija, skont liema minn dawn isseħħ l-ewwel.

## Fergħat

Artikolu 10.
1. Il-Partit ikollu dawk il-fergħat li l-Kunsill jista' japprova minn żmien għal żmien.

2. Fergħa tal-Partit titqies li ġiet imwaqqfa mill-mument li l-Kunsill tal-Partit japprova l-istatut ta' dik il-fergħa.

3. Il-fergħat jistgħu skont il-provedimenti tal-istatut tagħhom jemendaw l-istess statut. B'dan iżda li l-emendi ma jidħlux fis-seħħ jekk qabel ma jkunx hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill.

4. Il-fergħat jaħdmu fil-parametri deċiżi mill-Kunsill u f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' prinċipji fl-Artikolu 2. Huma jsegwu ukoll id-direttivi amministrattivi kif deċiżi mill-Kunsill minn żmien għal żmien.

5. Is-Segretarju Ġenerali għandu l-inkarigu li jsegwi mill-qrib il-ħidma tal-fergħat tal-Partit. Għal dan l-iskop huwa jkun infurmat regolarment mill-uffiċjali tal-fergħat bil-ħidma tagħhom kif ukoll jista' jattendi l-laqgħat tal-istess fergħat. Huwa jkun jista' jipparteċipa fid-diskussjoni iżda ma jkollux id-dritt li jivvota.

## Responsabbiltajiet u Dmirijiet tal-Uffiċjali

Artikolu 11.
1. Il-Kap tal-Partit huwa r-rappreżentant u l-kelliem ewlieni tal-Partit u fih, flimkien mas-segretarju ġenerali tal-Partit, hija vestita l-personalità legali tal-Partit. Huwa jippresjedi fuq il-Kunsill u fuq il-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Kap tal-Partit jiġi elett mill-Assemblea Ġenerali tal-Partit. Fl-elezzjoni għal Kap, il-membri tal-Assemblea jkollhom vot wieħed biss mhux trasferibbli li jista' jingħata lil wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibilità. Il-kandidat li jġib l-inqas voti jiġi eliminat, u l-proċess jiġi

ripetut sakemm jibqa' biss kandidat wieħed jew sakemm xi kandidat iġib il-maġġoranza assoluta tal-voti.

3. It-terminu ta' Kap tal-Partit jiskadi wara ħames snin mill-elezzjoni tiegħu. Madankollu, l-Assemblea Ġenerali tista' ttemm it-terminu tiegħu qabel l-iskadenza tiegħu u tiddikjara l-kariga vakanti b'vot ta' żewġ terzi ta' dawk preżenti.

4. F'każ li l-kariga ta' Kap tal-Partit issir vakanti, jew jekk il-Kap tal-Partit ma jkunx jista' jaqdi aktar id-dmirijiet tiegħu għal raġunijiet ta' inkapaċità fiżika jew mentali, dawn id-dmirijiet jiġu eżerċitati mill-Viċi Kap tal-Partit bħala Aġent Kap tal-Partit. B'dana li jekk il-Viċi Kap tal-Partit ikun se jikkontesta l-elezzjoni għal Kap tal-Partit, il-Kunsill jagħżel persuna oħra biex isservi fil-kariga ta' Aġent Kap tal-Partit, minn fost dawk il-membri tiegħu li ma jkunux jokkupaw kariga oħra u li jiddikjaraw li ma jkunux se jikkontestaw l-elezzjoni ta' Kap tal-Partit. L-elezzjoni għal Kap tal-Partit ġdid għandha ssir fi żmien tliet xhur minn meta l-kariga ta' Kap tal-Partit tkun saret vakanti jew minn meta l-Kunsill ikun ikkostata l-inkapaċità fiżika jew mentali tal-Kap tal-Partit biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

5. Il-Viċi Kap tal-Partit jassisti lill-Kap tal-Partit bħala kelliem tal-Partit u jista' jingħata d-delega minnu biex jissostitwih fi kwalunkwe laqgħa tal-organi tal-Partit. Huwa jissostitwixxi lill-Kap tal-Partit bħala Aġent Kap tal-Partit ukoll meta l-Kap tal-Partit ikun indisponibbli, inkluż meta jkun jinsab barra mill-pajjiż. Huwa jifforma parti *ex officio* mill-Kumitat ta' Tmexxija u mill-Kunsill tal-Partit.

6. Il-Viċi Kap tal-Partit jiġi elett mill-Assemblea Ġenerali tal-Partit bl-istess metodu li bih jiġi elett il-Kap tal-Partit, kif deskritt fis-subartikolu 2 ta' dan l-Artikolu. It-terminu tiegħu jiskadi wara ħames snin mill-elezzjoni tiegħu. Madankollu, l-Assemblea Ġenerali tista' ttemm it-terminu tiegħu qabel l-iskadenza tiegħu u tiddikjara l-kariga vakanti b'vot ta' żewġ terzi ta' dawk preżenti. F'każ li l-Viċi Kap tal-Partit ma jibqax jokkupa l-kariga tiegħu, jiġi magħżul Viċi Kap tal-Partit ġdid mill-Kunsill, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill, li jservi sal-ewwel laqgħa li jkun imiss tal-Assemblea Ġenerali, fejn jiġi elett Viċi Kap tal-Partit ġdid.

7. Il-President tal-Assemblea Ġenerali jippresjedi fuq il-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali u huwa responsabbli li jsejjaħ laqgħat tagħha fuq talba tal-Kap u tal-Kunsill tal-Partit kif stabbilit fl-Artikolu 5, Subartikolu 5 u li jistabbilixxi l-aġenda tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 5, Subartikolu 7. Huwa jifforma parti *ex officio* mill-Kumitat ta' Tmexxija u mill-Kunsill tal-Partit.

8. Il-President tal-Assemblea Ġenerali jiġi elett mill-membri tal-Assemblea Ġenerali jiġi elett mill-Assemblea Ġenerali bl-istess metodu li bih jiġi elett il-Kap tal-Partit, kif deskritt fis-subartikolu 2 ta' dan l-Artikolu. It-terminu tiegħu jiskadi wara ħames snin mill-elezzjoni tiegħu. Madankollu, l-Assemblea Ġenerali tista' ttemm it-terminu tiegħu qabel l-iskadenza tiegħu u tiddikjara l-kariga vakanti b'vot ta' żewġ terzi ta' dawk preżenti. F'każ li l-President tal-Assemblea Ġenerali ma jibqax jokkupa l-kariga tiegħu, jiġi magħżul President tal-Assemblea Ġenerali ġdid mill-Kunsill, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill, li jservi sal-ewwel laqgħa li jkun imiss tal-Assemblea Ġenerali, fejn jiġi elett President tal-Assemblea Ġenerali ġdid.

9. Is-Segretarju Ġenerali għandu r-responsabbiltà li jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija fir-rigward tal-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Partit. Huwa l-uffiċjal responsabbli għan-nomini elettorali kollha li jkunu ppreżentati lill-Kummissjoni Elettorali f'isem il-Partit. Huwa wkoll obbligu tas-Segretarju Ġenerali li jassigura li l-emblemi tal-Partit ikunu użati kif inhu xieraq u għaldaqstant ikollu r-responsabbilta li jirregistrahom skont kif tipprovdi l-liġi. Għal kull buon fini s-Segretarju Ġenerali jkun inkarigat biex f'isem il-Partit jagħti l-kunsens, jekk

jidhirlu li dan ikun ġustifikat, għall-informazzjoni li tidher fuq il-polza tal-vot kull fejn ikun hemm kandidat jew kandidati tal-Partit. Huwa jifforma parti *ex officio* mill-Kumitat ta' Tmexxija u mill-Kunsill tal-Partit.

10. Is-Segretarju Ġenerali jintgħażel mill-Kunsill minn fost il-membri kollha tal-Partit wara sejħa għall-kandidaturi, b'maġġoranza assoluta ta' dawk il-membri tal-Kunsill li jivvutaw, u bis-sistema tal-vot uniku trasferibbli. Huwa jservi għal terminu ta' ħames snin. It-terminu tiegħu jista' jiġi mitmum mill-Kunsill qabel l-iskadenza tiegħu b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

11. Il-Viċi Segretarju Ġenerali jassisti lis-Segretarju Ġenerali fil-ħidma tiegħu taħt il-gwida ta' dan tal-aħħar, u jiġi elett mill-Kunsill minn fost il-membri kollha tal-Partit wara sejħa għall-kandidaturi, b'maġġoranza assoluta ta' dawk il-membri tal-Kunsill li jivvutaw, u bis-sistema tal-vot uniku trasferibbli. Huwa jifforma parti *ex officio* mill-Kumitat ta' Tmexxija u mill-Kunsill tal-Partit. Huwa jservi għal terminu ta' ħames snin. It-terminu tiegħu jista' jiġi mitmum mill-Kunsill qabel l-iskadenza tiegħu b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

12. It-Teżorier jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-Partit. In partikolari jżomm il-kotba skont kif rikjest mill-liġi minn żmien għal żmien u jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-baġits tal-Partit u għal spejjeż straordinarji. Huwa jirċievi u jagħti rċevuti għad-donazzjonijiet li jirċievi l-Partit. Huwa jżomm lill-istess Kunsill infurmat bil-qagħda finanzjarja tal-Partit. It-Teżorier ikun responsabbli in partikolari biex;

i) jipprepara l-kontijiet annwali tal-Partit għall-awditjar,
ii) jippreżenta għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-kontijiet awditjati,
iii) jiżgura l-konformita tal-Partit ma' dak li tipprovdi l-liġi dwar id-donazzjonijiet li jistgħu jirċievu l-partiti politiċi,
iv) ikun responsabbli għal kull rappurtaġġ finanzjarju li tkun jeħtieg il-Partit.

Huwa jifforma parti *ex officio* mill-Kumitat ta' Tmexxija u mill-Kunsill tal-Partit.

13. It-Teżorier jintgħażel mill-Kunsill minn fost il-membri kollha tal-Partit wara sejħa għall-kandidaturi, b'maġġoranza assoluta ta' dawk il-membri tal-Kunsill li jivvutaw, u bis-sistema tal-vot uniku trasferibbli. Huwa jservi għal terminu ta' ħames snin. It-terminu tiegħu jista' jiġi mitmum mill-Kunsill qabel l-iskadenza tiegħu b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

# Dixxiplina

## Artikolu 12.

1. Każijiet ta' indixxiplina jew nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti għandhom jiġu deċiżi mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Partit wara li jiġu mressqa lilu mill-Kunsill, li jiddeċiedi dwar dan b'maġġoranza assoluta tal-membri tiegħu li trid tinkludi l-vot tal-Kap tal-Partit u maġġoranza tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Persuni li jkunu jokkupaw karigi eletti mill-Assemblea Ġenerali tal-Partit jistgħu jitressqu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina biss b'vot unanimu tal-Kunsill. Jekk huma jkunu membri tal-Kunsill, il-vot tagħhom f'din il-votazzjoni ma jitqiesx.

3. Il-miżuri dixxiplinari jistgħu jinkludu twissija, tnaqqis tal-anzjanità tal-membru fil-partit, sospensjoni tas-sħubija għal perjodu definit jew indefinit u t-tkeċċija mill-partit, b'dana li l-Bord

tad-Dixxiplina jista' jkeċċi membri jew jisspospendi s-sħubija ta' membri għal aktar minn tliet xhur biss bl-approvazzjoni tal-Kunsill, li jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu li trid tinkludi l-vot tal-Kap tal-Partit u maġġoranza tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija. F'każ ta' nuqqas ta' approvazzjoni mill-Kunsill, il-piena titnaqqas b'mod awtomatiku għal sospensjoni għal perjodu ta' tliet xhur.

4. Ir-regolamenti li għandhom josservaw il-membri tal-Partit huma miġbura fil-Kodiċi ta' Etika mehmuż fl-Anness III ta' dan l-istatut.

5. Kull każ ta' dixxiplina għandu jitmexxa b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-persuni soġġetti għal proċedimenti dixxiplinari għandhom id-dritt li jkunu megħjuna minn persuna tal-fiduċja tagħhom li jkun jista' jakkumpanjah waqt kull seduta li fiha jidher quddiem il-Bord. Waqt il-proċedimenti dixxiplinari, il-Bord għandu jsegwi wkoll il-prinċipju tal-proporzjonalità, u għandu wkoll jevita dewmien żejjed.

6. Meta l-Bord ikun qiegħed jiddelibera f'każijiet dixxiplinari għandu, fejn ikun xieraq, isegwi deċiżjonijiet preċedenti tal-istess Bord u tal-Kunsill f'każijiet li jirrigwardaw aġir simili. Fejn jagħżel li ma jagħmilx dan, għandu jagħti r-raġunijiet bil-miktub fid-deċiżjoni tiegħu. Il-prinċipju tal-preċedent ma japplikax f'każijiet li jirrigwardaw punti li, wara d-data tad-deċiżjoni preċedenti, ikunu nbidlu fl-istatut, inkluż f'din il-kodiċi tal-etika jew li dwarhom tkun inħarġet kjarifika mill-Kunsill tal-Partit.

## Rappreżentanza

### Artikolu 12.

1. Ir-rappreżentanza legali tal-Partit hija vestita fil-Kap tal-Partit u fis-Segretarju Ġenerali.

2. Tranżazzjonijiet jew impenji finanzjarji f'isem il-Partit jistgħu jsiru biss mill-Kap tal-Partit, jew mit-Teżorier tal-Partit. Tranżazzjonijiet jew impenji finanzjarji b'valur ta' aktar minn EUR 1000 għandhom jiġu approvati mill-Kunsill bil-proċeduri ordinarji tiegħu qabel ma jseħħu u jitqiesu bħala mhux awtorizzati jekk ma tkunx inkisbet tali approvazzjoni.

## Kontijiet Awditjati

### Artikolu 13.

1. Is-sena finanzjarja tal-Partit tkun perjodu ta' tnax-il xahar li jagħlaq kull sena fl-aħħar jum ta' Diċembru.

2. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, it-Teżorier jippreżenta lill-Kunsill il-kontijiet tal-Partit għas-sena finanzjarja ta' qabel.

3. Il-kontijiet ippreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill għandhom ikunu awditjati minn awditur li jkun maħtur mill-Kunsill fil-bidu tas-sena finanzjarja preċedenti. Ir-rapport tal-awditu ffirmat mill-awditur għandu jinqara lill-membri preżenti tal-Kunsill qabel ma tibda d-diskussjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet.

# Xoljiment

## Artikolu 14.

1. Il-Partit jista' ikun xolt kemm-il darba mozzjoni ppreżentata għal dan l-iskop tkun approvata mill-Assemblea Ġenerali f'laqgħa ordinarja jew straordinarja tagħha permezz ta' vot sigriet li jikseb l-approvazzjoni ta' mhux inqas minn disgħin fil-mija tal-membri tal-Assemblea li jkunu preżenti u li jivvutaw.

2. Fil-mument tal-votazzjoni tkun meħtieġa l-preżenza ta' kworum ta' mhux inqas minn 50% tal-membri tal-Assemblea Ġenerali tal-Partit.

3. F'każ ta' xoljiment tal-Partit, l-assi u l-proprjetà jistgħu jiġu trasferiti biss lil entitajiet li għandhom bħala l-għan tagħhom il-promozzjoni ta' prinċipju wieħed jew aktar li jħaddan il-Partit. Il-mozzjoni ta' xoljiment tkun trid tispeċifika l-entitajiet li lilhom għandhom jiġu trasferiti l-assi u l-proprjetà tal-Partit, f'rispett tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, u wkoll x'għandu jsir mid-dokumenti u l-korrispondenza tal-Partit. Jekk il-mozzjoni ma tipprovdix dwar dan titqies nulla u bla effett u m'għandhiex titressaq għall-konsiderazzjoni tal-Assemblea Ġenerali.

4. F'każ li n-numru ta' membri tal-Partit ikun anqas minn ħamsa, il-Partit għandu jiġi xolt u l-assi u l-proprjetà tiegħu trasferiti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-subartikolu 3 ta' dan l-Artikolu.

# Statut

## Artikolu 15.

1. Dan l-istatut qiegħed jiġi approvat bl-Ilsien Malti. Il-Kunsill jista' japprova traduzzjonijiet b'ilsna oħra. Il-verżjoni bil-Malti, iżda, tkun dik li torbot.

2. Kull proposta għal-tibdil f'dan l-istatut trid tikseb l-approvazzjoni ta' mill-inqas maġġoranza assoluta tal-Eletturi prezenti f'laqgħa tal-Assemblea Ġenerali tal-Partit. Madankollu, proposti għal bidliet għall-Artikolu 2, is-subartikolu 3 tal-Artikolu 11, l-Artikolu 14, l-Artikolu 15 u l-Anness II ta' dan l-istatut jitqiesu li ġew approvati mill-Assembla Ġenerali biss jekk jiksbu l-approvazzjoni ta' 2/3 tal-Eletturi preżenti f'laqgħa tal-Assemblea Ġenerali tal-Partit.

3. F'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 ta' dan l-istatut u dispożizzjonijiet oħra tal-istess istatut, jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15.

# ANNESS I - Emblema

L-emblema tal-Partit Popolari tikkonsisti fl-ittri PP kapitali, ta' kulur blu skur (#142896), imissu ma' xulxin, f'ċirku tal-istess kulur (#142896), fuq sfond abjad (#ffffff).

# ANNESS II - Il-Pilastri tal-Partit Popolari

## 1. ID-DINJITÀ TAL-BNIEDEM

1) Nemmnu li kull bniedem għandu valur u dinjità ugwali u li kull bniedem jistħoqqlu rispett sħiħ għall-umanità tiegħu.

2) Nemmnu f'politika li tpoġġi d-dinjità tal-bniedem fl-ewwel post, qabel kull kunsiderazzjoni materjali jew politika.

3) Nirrifjutaw kull klassifikazzjoni tal-bniedem li mhix konsistenti mal-għarfien sħiħ tal-umanità tiegħu.

## 2. IL-LIBERTÀ, IĊ-ĊITTADINANZA U D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

1) Nemmnu li awtorità ċentrali għandha twettaq biss dawk il-kompiti jew ħidmiet li ma jistgħux jitwettqu f'livell aktar lokali, jew saħansitra mill-individwu. Nemmnu li dan japplika fil-livell Ewropew daqskemm fil-livell nazzjonali.

2) Nemmnu fil-libertà tal-ħsieb u tal-espressjoni, bħala wieħed mill-elementi ewlenin tal-mod ta' ħajja tagħna. Nemmnu wkoll li l-flus miġbura mit-taxxi tal-poplu kollu m'għandhomx jintużaw għall-propaganda politika jew għall-finanzjament ta' movimenti politiċi li jirappreżentaw biss parti waħda mill-poplu.

3) Nemmnu li d-dritt għall-ħajja jgħodd bis-sħiħ ukoll għat-trabi qabel it-twelid, sa mill-bidu tal-ħajja. Għalhekk, se nopponu kull tentattiv biex jiddaħħal l-abort f'Malta.

4) Nemmnu f'demokrazija aktar diretta u nappoġġjaw l-użu aktar wiesa' tar-referendum bħala għodda għat-teħid tad-deċiżjonijiet importanti. Nimpenjaw ruħna bħala partit li f'kull forum li nkunu rrappreżentati fih, nużaw il-vot tagħna skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilna mill-membri sakemm dawn ikunu konformi mal-pilastri tal-Partit.

5) Nemmnu fil-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadin fil-politika, u nimpenjaw ruħna bħala partit li, fejn nistgħu, inwettqu l-ħidma tagħna bil-parteċipazzjoni volontarja tal-membri u qatt billi niskambjaw favuri politiċi jew wegħdiet ta' favuri politiċi ma' kontribuzzjonijiet finanzjarji.

6) Nemmnu f'kunċett taċ-ċittadinanza li ma jħarisx lejn il-kulur jew is-sess, u nopponu l-miżuri kollha diskriminatorji mill-istat, inkluża l-hekk-imsejħa diskriminazzjoni "pożittiva", għajr fil-każ ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.

7) Nemmnu li l-proprjetà privata hija pilastru fundamentali għal-libertà, u nappoġġjaw id-dritt ta' kull ċittadin li jgawdi l-frott tal-ħidma u tal-investiment tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa tal-istat li jiġbor il-fondi meħtieġa għall-funzjonament tiegħu.

8) Nemmnu fid-dritt tal-awtodifiża, fir-rispett sħiħ tal-liġi, kemm tal-persuna kif ukoll tal-proprjetà, li tikkomplimenta d-difiża li ċ-ċittadin għandu dritt jistenna mingħand l-istat.

## 3. IS-SAĦĦA TAL-KOMUNITÀ

1) Nemmnu fil-prinċipju li ċ-ċittadini għandhom ikunu l-ewwel rikors ta' għajnuna għal xulxin. Għalhekk nemmnu li l-istat għandu jħalli l-ispazju xieraq għal soċjetà ċivili apolitika b'saħħitha.

2) Nemmnu li wieħed mir-rwoli tal-istat għandu jkun li jopponi l-konċentrazzjoni tas-saħħa politika u ekonomika u li jappoġġja l-parteċipazzjoni aktar wiesgħa fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali, inkluż permezz ta' sistema ekonomika xierqa.

3) Nemmnu li l-kejl ewlieni tas-suċċess tal-politika ekonomika għandu jkun it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja taċ-ċittadini l-iktar żvantaġġati u l-ħolqien tax-xogħol.

4) Nemmnu fil-ħarsien tal-ambjent u ta' spazji miftuħa fejn l-individwi u l-familji jistgħu jistrieħu u jikkultivaw ruħhom.

5) Nemmnu li l-familja tradizzjonali hija l-pedament ewlieni tal-komunità, u li l-istat għandu jappoġġjaha bis-sħiħ, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-familji mhux tradizzjonali.

## 4. IL-WIRT TAGĦNA

1) Nemmnu li l-għeruq storiċi u kulturali ta' pajjiżna jinsabu fil-Kristjanezimu u fl-Umaniżmu Ewropew, u li l-ispazju kulturali ewlieni ta' Malta huwa l-Ewropa u d-dinja tal-Punent.

2) Nirrifjutaw kull tip ta' inġinerija soċjali, kif ukoll il-multikulturaliżmu sfurzat u impost mill-istat.

3) Nappoġġjaw għajnuna għal attivitajiet kulturali u istituzzjonijiet li kienu ċentrali għall-ħajja Maltija tul l-istorja u li jikkontribwixxu għall-identità ta' pajjiżna, inklużi dawk ta' natura jew ispirazzjoni reliġjuża.

## 5. IN-NAZZJON

1) Nemmnu li kull pajjiż għandu jqiegħed fl-ewwel post il-ħarsien tal-interessi taċ-ċittadini tiegħu, u li dan hu r-rwol fundamentali li l-istat inħoloq għalih. Nemmnu wkoll li pajjiż jista' jkun f'pożizzjoni li jgħin lill-oħrajn biss wara li jkun ħa ħsieb il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tiegħu.

2) Nemmnu li l-istat għandu jservi l-interess nazzjonali u mhux interessi speċjali.

3) Nemmnu li l-istat Malti għandu bħala prijorità jirrappreżenta lil Malta fl-Ewropa u mhux lill-Ewropa f'Malta.

4) Nopponu l-immigrazzjoni illegali fil-forom kollha tagħha, u nopponu l-abbuż tas-sistema tal-ażil biex tiffaċilita l-immigrazzjoni ekonomika.

5) Nemmnu li ċ-ċittadinanza Maltija għandha tinkiseb biss permezz ta' dixxendenza minn ċittadini Maltin, jew minn persuni mwielda f'Malta qabel pajjiżna sar stat indipendenti.

6) Nappoġġjaw bis-sħiħ il-ħidma tal-forzi armati u tal-forzi tal-ordni, u nemmnu li dawn għandhom jingħataw kull appoġġ u rikonoxximent, kif ukoll il-mezzi li jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom.

# ANNESS III - Kodiċi tal-Etika

Kull aġir li b'mod ċar ifixkel lill-Partit fil-ħidma tiegħu, li ma jirrispettax il-governanza tal-Partit stabbilita skont l-istatut, li jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Partit jew li jonqos mir-rispett dovut lejn membri oħra tal-Partit jista' jwassal għal miżuri dixxiplinari.

Dan jinkludi dawn li ġejjin, iżda mhuwiex limitat għalihom:

Dikjarazzjonijiet f'isem il-Partit minn membri li ma jkunux kelliema awtorizzati tal-Partit.

Dikjarazzjonijiet f'isem il-Partit minn kelliema awtorizzati tal-partit li jmorru kontra l-linji stabbiliti mill-Partit.

Dħul f'impenji finanzjarji jew ta' natura oħra f'isem il-Partit mingħajr l-awtorizzazzjoni dovuta biex isir dan.

Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' xi partit politiku ieħor minn uffiċjal tal-Partit mingħajr ma jkun awtorizzat espliċitament biex jagħmel dan mill-Partit.

Negliġenza ċara fil-qadi ta' dmirijiet bħala uffiċjal tal-Partit li twassal għal dannu għall-partit.

Fastidju sesswali, fiżiku jew psikoloġiku lil membri oħra tal-Partit jew persuni oħra f'attivitajiet jew ħidma tal-Partit.

Tfixkil ta' xi laqgħa jew avveniment tal-Partit permezz ta' aġir mhux xieraq jew mhux rispettuż lejn l-oħrajn.

Reati kriminali, anki jekk ma jkunux jinvolvu l-attività fil-Partit direttament.

Kull aġir min-naħa ta' uffiċjal tal-Partit, f'materji li jikkonċernaw il-ħidma tal-Partit, li jmur kontra istruzzjonijiet ċari bil-miktub mogħtija mill-awtoritajiet tal-Partit kif stabbiliti minn dan l-istatut. Dan jinkludi wkoll ivvutar minn uffiċjali eletti tal-Partit, inklużi membri parlamentari, b'mod differenti mill-istruzzjonijiet mogħtija bil-miktub mill-Partit.